# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 23**

**Avviz numru 90/01/SM**

**George Farrugia & Co. u s-socjeta' GFC Consult Limited.**

**vs**

**E.L.V. Engineering Services Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjetajiet attrici sejhu lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex ikun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma komplessiva ta' LM941 (disa' mija u wiehed u erbghajn liri Maltin), kwantu ghall-LM458 dovuti lis-socjeta' GFC Consult**

**Limited u kwantu ghall-LM483 dovuti lid-ditta George Farrugia & Co. rappresentanti l-bilanc ghas-servizzi lilha resi mill-imsemmija socjeta' u ditta tul dawn l-ahhar xhur, u dan kif jirrizulta minn diversi statements lilha mibghuta;**

**2. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali tat-28 ta' Novembru, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess Ittra Ufficcjali kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 t'April tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Fl-ewwel lok it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li s-socjeta' konvenuta m'hiex debitrici ta' l-atturi fl-ammont rikjest;**

**2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost kienu fil-fatt l-atturi li naqsu li jaccettaw il-pagament mis-socjeta' konvenuta;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohrajn;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjetajiet attrici effettwaw servizzi ta' awditjar u xogholijiet ohra relatati lis-socjeta' konvenuta u dan sa mill-1995 sa kemm twaqqfu;**

**2. Illi effettivament jirrizulta li l-"accounts" tas-socjeta' konvenuta ma kienux jigu mizmuma mis-socjetajiet attrici u xogholhom kien ristrett ghall-problemi ta' natura teknika serja rigwardanti kontabilita' u assisstenza ohra ta' l-istess livell;**

**3. Illi kif jirrizulta mir-rendikontipprezentat mis-socjetajiet attrici, is-socjeta' konvenuta hi debitrici lejhom fl-ammont minnhom indikat fl-avviz, senjatament ta' disa' mija u wiehed u erbghin Lira Maltin, (LM941.00,0), u ghalhekk ittiehdet din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li s-socjetajiet involuti f'din il-procedura kienu sabu modus vivendi bejniethom ghal dak li jirrigwarda l-analizi finanzjarju tas-socjeta' konvenuta u r-relazzjoni ta' l-istess mad-dipartimenti governattivi nvoluti;**

**Illi effettivament jidher assodat li l-hlas rikjamat mis-socjetajiet attrici hu dovut ghall-servigi rezi minnhom lis-socjeta' konvenuta u li taghhom baqghu ma gew renumerati nonostante li s-socjeta' konvenuta kienet regolarment mitluba tghamel dan;**

**Illi in oltre, kwalunkwe dizgwid li s-socjeta' konvenuta kellha ma xi dipartimenti governattivi huwa purament responsabbilita' ta' l-istess socjeta' u bl-ebda mod m'ghandhu jigu intromess fir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta E.L.V. Engineering Services Limited thallas l-ammont ta' disa' mija u wiehed u erbghin Lira Maltin (LM941.00,0), lis-socjetajiet attrici George Farrugia & Company u GFC Consult Limited, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficcjali datata t-28 ta' Novembru tas-sena 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**